# Fil-Qorti tal-Magistrati ta' Malta
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.M., (IMLI), LL.D.

## Illum it-Tnejn, 16 ta' Mejju, 2016.

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**
**(Spettur Chantelle Casha)**

**Vs**

**Baldassare Borg**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Baldassare Borg** ta' 34 sena, iben Vincent u Tracy Yvonne Anne xebba Pollard, imwieled il-Pieta` fis-7 ta' Mejju 1982, residenti 10, Blokk 2, Bieb B, Flat 1, Misrah l-Awrekarja, San Gwann, detentur tal-Karta ta' l-identita bin-numru 264982M;

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Mejju 2016 ghal habta ta' l-10:15 pm gewwa il-Padiljun Kordin Rahal Gdid waqt il-loghba Futsal bejn Valletta u Hamrun;

Ghamilt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Raphael Felipe Ortiz De Oliviera minn Pieta` skon kif iccertifikat Dr. Sara Xuereb 5688 mill-Isptar Mater Dei.

Talli fl-istess cirkustanzi hebb ghal Raphael Felipe Ortiz De Oliviera minn Pieta` sabiex jingurajah, idejjqu jew jaghmillu hsara.

Talli fl-istess cirkustanzi ha parti attiva f' gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghlu reat, ukoll jekk dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet mxewxa minn hadd partikolari.

Talli fl-istess cirkustanzi u/jew hinijiet qabel gab ruhu ruhek b' mod li tista tinkiser il-bon-ordni.

Talli fl-istess cirkostanzi gab ruhu b' mod abbuzziv talli minghajr ma kien awtorizzat qabez ic-cint jew il-barriera li jdawwar il-*pitch* u dahal fil-post fejn kien qed isir il-loghob.

Talli fl-istess cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b' xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-Korp tal-Pulizija jaghmlu dak li b' ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-Korp tal-Pulizija kienu ghamlu.

Talli fl-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b' ghajjat u glied.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lil Raphael Felipe Ortiz De Oliviera u/jew lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band' ohra f' dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti.

Il-Qorti hija wkoll mitlub li f' kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita` skon il-Ligi, tordna illi l-imputat ma jattendix fi ground ta' sports ghall-dak il-perjodu ta' zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Raphael Felipe Ortiz De Oliviera minn Pieta` u tapplika l-provvedimenti ta' l-Art. 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ligi, senjatament l-Art. 68[2], 221, 338bb, 338ee, 339d,e, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoki 5,6 u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 10.33.

Semghet l-ammissjoni ta' l-akkuzat.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena. Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet u l-ammissjoni bikrija ta' l-akkuzat, qieghdha ssib lill-akkuzat hati ta' l-

akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, timmultah multa komplessiva ta' hames mitt (€500) Euro, pagabbli fuq medda ta' sitt xhur b' effett mill-1 ta' Lulju, 2016 u qieghdha tipprojbih milli jersaq lejn kwalsiasi ground ta' l-isports, kif stabbilit fil-LS 10.33 ghal perjodu ta' sena, filwaqt illi a a tenur ta' l-Art. 383 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghdha tipprojbih milli b' kwalsiasi mod jikkomunika ma` Raphael Felipe Ortis De Oliveira u dan ghal perjodu ta' sen millum tahat piena ta' elf (€1000) Euro.

**Dr. Francesco Depasquale** **LL.M., (IMLI), LL.D.**
**Magistrat**

**Marisa Bugeja**
**Dep. Reg.**